KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
www.iklin.lc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 69 – IT-TLIETA 5 TA' MARZU 2024**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**69.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

69.1.1 Kien hemm ittra waħda ta' Kunsillier li talab biex ikun skużat minħabba impenji ta' xogħol.

**69.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

69.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (68) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

69.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 69.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

69.3.1 Ma kienx hemm.

## 69.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

69.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien talab it-tieni laqgħa mall-Onor. Ministru Dott. Dalli dwar il-każ tal-impjanti tal-asfalt u l-effetti tagħhom biex naraw x'pożizzjoni ser jieħu l-Gvern f'dan ir-rigward. Il-laqgħa ġiet skedata għal nhar il-11 ta' Marzu. Informa li kien ser isejjaħ laqgħa għar-Residenti kollha tal-Iklin biex nagħtuhom aġġornament dwar il-ħidma tal-Kumitat li twaqqaf ad hoc bl-ideja li nibqgħu nagħmlu pressjoni mall-awtoritajiet konċernati biex dawn l-impjanti jkunu regolati b'qafas legali. Il-laqgħa ġiet skedata għal nhar it-12 ta' Marzu u ser tinżamm fis-Sala tal-Kunsill. Intbagħat avviż f'kull residenza fil-lokalità biex kulħadd ikun mgħarraf b'din il-laqgħa filwaqt li anke ttella post fuq il-paġna ta' facebook biex nippruvaw nilħqu lil kulħadd. Is-Sindku kompla billi qal li kien hemm żblokk għaliex issa l-ERA trid tassumi r-responsabbiltà u jidher li diġà tħejja abbozz ta' leġiżlazzjoni u wieħed jista faċilment jaċċessa dan l-abbozz. Is-Sindku ikkonkluda li dan huwa pass fid-direzzjoni t-tajba għalkemm irid jara li din il-leġiżlazzjoni tkun waħda b'saħħitha biex l-awtorità konċernata tkun tista tapplika u tinforza meta u fejn meħtieġ.

69.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kellu laqgħa mall-Perit assenjat fuq il-proġetti kollha infrastrutturali li għaddejjin fil-lokalità. Semma li d-dewmien fi Triq Mons. P.P. Saydon kien dovut minħabba li kien hemm infrastruttura underground li ried jitneħħa u peress li l-materjal kien tal-asbestos, il-kuntrattur li jittratta dan il-materjal ħa madwar tliet ġimgħat biex jiġi fuq il-lant tax-xogħol. Informa li hawn kumpannija waħda li tagħmel dan ix-xogħol u għalhekk wieħed jista jobsor għaliex dan id-dewmien.

Fir-rigward ta' Triq Stefano Erardi, is-Sindku informa li waqt ix-xogħlijiet, instabu li traċċi arkeoloġiċi u ladarba tidħol is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali, il-proċess jitwal għaliex ikunu jridu jinvestigaw, jirrekordjaw is-sejbiet u eventwalment jagħtu l-clearance lill-kuntrattur biex ikompli bix-xogħlijiet.

Dwar il-proġett l-ieħor li għaddej fi Triq il-Ħarruba, is-Sindku informa li kien ser jingħata l-ewwel saffa asfalt fil-jiem li ġejjin biex hekk jinqatgħu t-trabijiet u eventwalment ikomplu fit-tieni parti tat-triq u cioè bejn Triq il-Bruka u Triq il-Plejju li fil-preżent qed jaħdmu fuq ix-xogħlijiet tas-servizzi.

Sintendi, proġetti ta' din ix-xorta jġibu ħafna sfidi u joħolqu xi ftit tal-inkonvenjent minħabba t-trabijiet u nuqqas ta' aċċessibilità iżda ladarba jitlestew dawn il-proġetti, il-lokalità tkun ibbenefikat minn titjib fl-infrastruttura. Ifakkar li kien dan il-Kunsill li kien ippropona dawn it-toroq kollha fl-Iklin biex isir it-tibdil tas-servizzi u l-asfalt ta' dawn it-toroq.

68.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li għaddejja kwistjoni oħra dwar ħsejjes (noise pollution) li ġejja mill-Iskola Middle School li tinsab fin-Naxxar però tmiss mal-Iklin.

L-iskola Maria Reġina College Middle School hija mgħammra jew aħjar attrezzata permezz ta' PA System u mall-ħin tal-ġurnata, l-Iskola tagħmel l-annunzji lill-istudenti b'mod li r-residenti li jirrisiedu fi Triq Giorgio Locano, Triq Carmelo Pace, Triq it-Timu, Triq Enrico Naudi Triq Fredrick Borg u toroq oħra fl-immedjat qed jilmentaw minħabba ħsejjes eċċessivi li ġejjin minn din l-iskola. Informa li l-Kunsill kien qed jindirizza din il-kwistjoni bl-assistenza tal-Community Police fejn ressqu l-każ għan-nom tal-Kunsill però mingħajr wisq riżultati. Kompla billi qal li ftit tal-jiem ilu, kellu intervista ma' Lovein Malta dwar din il-kwistjoni u semma li r-residenti milquta kienu ffirmaw petizzjoni dwar dan. Ikkonkluda li huwa mpenjat sabiex ikompli jsegwi l-iżviluppi bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet. Is-Sindku stqarr li huwa dritt li resident igawdi l-proprjetà tiegħu.

## 69.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

69.5.1 Ma kienx hemm.

## 69.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

68.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn il-5 ta' Frar u t-2 ta' Marzu 2024 kif jidher fid-dokument A u B.

**COMPLAINTS SHEET (5 February - 2 March 2024)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 30 | 05/02/2024 | Qtugħ fil-provvista tad-dawl fir-residenza tiegħu | pending | 38, Agape, Triq ES Inglott | **ENEMALTA** |
| 31 | 06/02/2024 | Ħiereġ id-drenaġġ mit-tappiera ta' ħdejn roundabout fi Triq Geronimo Abos | settled | Triq Ġeronimo Abos | **W.S.C** |
| 32 | 12/02/2024 | Hemm cover tal-plastic fuq bankina miksur fi Triq il-Wied quddiem no. 151 | pending | Triq il-Wied | **W.S.C** |
| 33 | 12/02/2024 | Talba biex isir aġġustament ta' parking bay, minn marka bajda tiġi safra quddiem nru. 134, Triq Ġ Abos minħabba żvilupp u issa saru garaxxijiet | settled | Triq Ġeronimo Abos | **COUNCIL** |
| 34 | 13/02/2024 | Hemm ħofra perikoluża fi Triq il-Għargħur ħdejn 'Il-Cortile' | closed | Triq il-Għargħur | **COUNCIL** |
| 35 | 14/02/2024 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu  nru. L080/24 fi Triq ir-Razzett l-Aħmar | pending | Triq ir-Razzett l-Aħmar | **ENEMALTA** |
| 36 | 15/02/2024 | Leakage minn stop cock quddiem 4, Triq A M Caruana | settled | Triq A M Caruana | **WSC** |
| 37 | 17/02/2024 | Construction works in Triq G Locano, photo of the state of the road. | pending | Triq G Locano | **COUNCIL** |
| 38 | 20/02/2024 | Resident minn Triq il-Ħwawar qed jilmenta li minħabba li hemm xi ħadt qed jitma' l-qtates, qed ikun hemm ħafna ġrieden kbar. Dan irid li l-Kunsill jagħmel xi ħaġa biex il-qtates ma' jibqgħux jiġu mitmugħa biex il-ġrieden ma' joħorġux għall-ikel.  Jew inkella jinġabru l-qtates. | pending | Triq il-Ħwawar | **COUNCIL** |
| 39 | 21/02/2024 | Ilment fuq parkeġġ ta' trailer fi Triq il-Wied biex iniżżlu gaffa/hymac minn Triq G Locano | pending | Triq il-Wied & Triq G Locano | **Police Naxxar** |
| 40 | 22/02/2024 | Fi Pjazza Ninu Cremona fejn hemm is-siġar fejn għamilna bankina hemm siġra mejta. Qed titlob biex din titneħħa għax tista taqa' | pending | Pjazza Ninu Cremona | **COUNCIL** |
| 41 | 22/02/2024 | Bozza mall-ħajt mitfija- 32, Triq Guze Galea | settled | Triq G Galea | **Contractor** |
| 42 | 22/02/2024 | Ilment li humped zebra crossing fi Triq E S Inglott fiha xi neqsin | pending | Triq E S Inglott | **Contractor** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 43 | 23/02/2024 | Biex jinżabru siġar il-kbar biex jidhru s-siġar taċ-ċipress fi Triq Anton Buttigieg | pending | Triq Anton Buttigieg | **COUNCIL** |
| 44 | 24/02/2024 | Talba biex tiċċaqlaq sleeping policeman minn quddiem 44 Triq Ġużè Pesci, la titlesta t-triq | pending | Triq Guze' Pesci | **COUNCIL** |
| 45 | 26/02/2024 | Resident minn Triq S.Erardi ħsarat fuq il-parapett tiegħu li saru minn xogħlijiet tal-infrastructure | Pending | 2 Triq S Erardi | **Infrastructure** |
| 46 | 26/02/2024 | Ilment fuq tabella temporanja tal-one way fit-Triq Alfons M Galea li qegħda fil-periklu u tabella ta faċċata mhiex ċara. | Pending | Triq Alfons M Galea | **COUNCIL** |
| 47 | 26/02/2024 | Ilment rigward bankina mkissra fi Triq il-Luq. Ir-resident issuġġerixxa biex din titranġa kif għaddejjin ix-xogħlijiet ta' Triq il-Ħarruba. | Pending | Triq il-Luq | **COUNCIL** |
| 48 | 27/02/2024 | Ilment fuq overflow ta' drenaġġ fi Triq Ġ Abos biex tissolva l-problema darba għal dejjem | pending | 112, Triq Ġ Abos | **COUNCIL** |
| 49 | 29/02/2024 | Talba biex jitkompla d-double yellow line bejn żewġ garaxxijiet fi Triq Anton Buttigieg | pending | Triq Anton Buttigieg | **COUNCIL** |

## 69.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

69.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

69.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

69.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

Il-Kunsill awtorizza l-ispejjeż kollha assoċjati mal-attività kulturali annwali bix-xiri ta' oġġetti/servizzi tal-attività Festa Fjuri li ġiet imtella nhar is-27 ta' Mejju 2023.

## 69.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

69.8.1 Applikazzjoni PA 0792/24 – 5, Grixti, Triq Patri Marjanu Vella, L-Iklin. 'To sanction internal staircase, balcony and parapett wall, alterations to existing dwelling including internal Walls and lift, and construction of additional floors (3rd floor, 4th floor and receded floor).

69.8.2 Applikazzjoni PA 00588/24 –.Middle Quarry, Triq il-Ħwawar, L-Iklin. 'Redevelopment of existing quarry and consolidation of existing structures / concreted areas into warehousing Class 6A and underlying parking and reservoir.

## 69.9 AĠĠORNAMENT DWAR ŻVILUPPI LI SEĦĦEW MATUL L-AĦĦAR ERBA' XHUR DWAR L-IRWEJJAĦ TOSSIĊI

69.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li kien sejjaħ laqgħa mall-Ministru Dott. Dalli wara li l-Kumitat li twaqqaf mill-Kunsill kien iltaqa' mal-ERA fuq parir tal-Ministru iżda l-laqgħa ma ħallitx ir-riżultati mixtieqa. B'din id-disfatta, is-Sindku saħaq li jerġa jsejjaħ laqgħa mall-Ministru biex tiġi nfurmata bl-eżitu ta' din il-laqgħa.

Is-Sindku informa wkoll li kien importanti li r-residenti jkunu jafu x-xogħol li sar matul dawn l-erba' xhur fejn il-Kumitat ma' qata xejn bid-diversi laqgħat li saru bejn ix-xhar ta' Ottubru u Marzu. Is-Sindku ikkonkluda li kien ser isejjaħ laqgħa għar-residenti kollha biex jippreżenta elenku tal-ħidma li saret s'issa u fejn irridu mmorru għaliex ir-resident bi dritt għandu jkun jaf bl-iżviluppi li jkunu qegħdin iseħħu minn żmien għal żmien. Għal dan il-għan, ser tinżamm laqgħa ġewwa s-Sala tal-Kunsill skedata għal nhar it-12 ta' Marzu.

## 69.10 DISKUSSJONI DWAR L-ATTIVITÀ KULTURALI ANNWALI 'FESTA FJURI'

69.10.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras informa lill-preżenti li d-Direttorat kien ħareġ skema SPI/SCI/05/2024 bid-data tat-8 ta' Frar. L-iskema ser tkun tapplika bejn l-1 ta' Ġunju 2024 u l-31 ta' Mejju 2025 u fejn din l-iskema se tkun qed tiffinanzja 85% tal-attività sa massimu ta' Eur20k VAT inkluż.

69.10.2 Wara diskussjoni wiesgħa dwar il-loġistika, is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex il-Kunsill japplika taħt l-iskema SPI/SCI/05/2024 biex terġa tittella l-attività kulturali annwali 'Festa Fjuri skedata għal nhar is-Sibt 25 ta' Mejju 2024 bejn id-0900hrs u 1400hrs.

69.10.3 Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 69.11 TNDEIJA TA' PREMJU MARA 2023/2024

69.11.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras informa lill-preżenti li s-sinjura tal-Prim Ministru Dott. Lydia Abela nediet Premju Mara 2023/2024. Din hija inizjattiva li ser tittella għall-ewwel darba fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara b'kollaborazzjoni mall-Kunsilli Lokali. It-tnedija uffiċċjali se ssir nhar il-Ħamis 8 ta' Frar ġewwa Villa Francia Ħal Lija.

69.11.2 Is-Sindku informa li fil-jiem li ġejjin se jkun qed jitkellem mall-Kunsillieri dwar l-għażla tan-nomina ta' mara mill-Iklin. Il-kriterju biex tintagħżel mara għal dan il-premju tista tkun ta' kull età, tista tkun żagħżugħa involuta f'għaqda volontarja, tfajla li ssieħbet ma' għaqda ta' każin jew anzjana li għażlet li tibqa attiva fil-komunità tagħha b'modi varji. L-għażla tista tkun waħda varjata u diversa. Min-nisa tad-dar li ddedikaw ħajjithom għall-familja, min-nisa li komplew jistudjaw u jkabbru l-għarfien tagħhom, sa nisa li jmexxu kumpaniji jew jokkupaw irwoli b'saħħithom.

69.11.3 Id-deċiżjoni dwar l-għażla tal-Mara mill-Iklin ittieħdet fuq rakkomandazzjoni tal-Parroċċa Familja Mqaddsa.

## 69.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

69.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 2 ta' April 2024 fil-5.30 p.m.

69.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' April 2024 fil-5.30 p.m.

69.12.3 Is-seduta ġiet fi tmiem tagħha fis-7.15 p.m.

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv